MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 71

16 ta' Frar 2017

Minuti tas-seduta Nru. 71 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ħamis, 16 ta' Frar 2017 fis-6.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 4.1.3. **(Ref: P/5/8/G)** u talab li din tinqara kif ġej:

*"4.1.2. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni fil-prinċipju għall-introduzzjoni ta' pjattaformi temporanji, skont kif muri fid-Drawing No. 002 (Rev. 2), sakemm il-pjanti li eventwalment jridu jiġu sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar ikunu jinkludu wkoll l-imwejjed eżistenti li jintużaw mill-pubbliku għall-barbecues. Fuq proposta tal-Kunsillier E. Bartolo, kien hemm qbil li għandha tintalab pjanta li tindika d-daqs tal-art konċessa, mingħand l-operatur tal-Mellieħa Holiday Centre.".*

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 70, li saret fil-31 ta' Jannar 2017, ġew approvati u ffirmati bl-emenda t'hawn fuq. Kien hemm qbil li l-minuti kif approvati għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. *Full Moon Party* (A/6/3/2/Vol 65)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 4.4.2. tas-seduta preċedenti dwar talba li saret minn Glam Life Events fejn intalab permess sabiex jiġu organizzati serje' ta' attivitajiet f'Paradise Bay, fl-Armier u l-Bajja tal-Mixquqa bejn l-2017 u l-2019, li dwarha il-Kunsill kien iddeċieda li m'għandiex tintlaqa' minħabba s-sensitività tal-postijiet proposti.

2.1.3. Is-Segretarju qal li Glam Life Events permezz ta' imejl datat 9 ta' Frar 2017 sostnew li lesti jieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex ma jikkawżawx dannu ambjentali fis-siti indikati.

2.1.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir laqgħa mal-organizzaturi.

### 2.2.1. Ftehim dwar Servizz ta' Ġbir ta' Skart Riċiklabbli 2017-18 (K/6/11)

2.2.2. Is-Sindku għarraf li fid-9 ta' Frar 2017 saret laqgħa mal-uffiċjali ta Green MT Ltd, Francesca Manicolo u Anthea Attard, li attenda għaliha wkoll is-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur J. Buttigieg stqarr li l-punti mqajma fis-seduta preċedenti ġew trattati kollha u jidher li huma aċċettabbli għal Green MT Ltd li għalhekk ser jidħlu fil-ftehim, inkluż it-tqassim ta' boroż u l-kontribuzzjoni ta' €250 għall-magazin tal-Kunsill.

2.2.3. Fir-rigward tal-ġabra tal-ħġieġ bieb-bieb, Green MT Ltd indikaw li hemm problema li din issir kull ħmistax-il ġurnata, peress li l-avviż legali illi jirregola dan is-servizz jipprovdi li dan irid jingħata mill-inqas fl-ewwel Ġimgħa ta' kull xahar. Ġie miftiehem ukoll li fit-23 ta' Frar 2017 għandha ssir laqgħa għas-sidien tal-bars u l-istabbilimenti li jservu l-ikel bil-għan li jingħataw kontenuri sabiex jiddisponu mill-ħġieġ.

2.2.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjonijiet imsemmija.

### 2.3.1. Regolamenti – Konkors Innu tal-Mellieħa (K/2/10)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u ppropona li jinħareġ avviż ieħor fil-ġurnali sabiex iħeġġeġ aktar awturi u kompożituri ħalli jkun hemm aktar konkorrenza mill-awturi u l-kompożituri bil-possibiltà li tiżdied l-għażla.

2.3.4. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 2.4.1. PA 1993/16 – Estensjoni tar-Riviera Resort Hotel (P/5/8/S)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.6.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fit-2 ta' Frar 2017 huwa attenda l-laqgħa li ssejħet mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex tiddeċiedi l-applikazzjoni msemmija hawn fuq. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid l-bord ikkonferma li ser ikun hemm kontribut ta' €19,800 mill-iżviluppatur, li jmur fil-Fond tal-Ippjanar. Din is-somma ġiet ibbażata fuq in-numru ta' kmamar li ser jiżdiedu.

2.4.3. Kien hemm xi diverġenzi dwar it-tqegħid ta' makkinarju fuq il-bejt tal-lukanda, iżda t-talba ġiet milqugħa b'7 voti favur u tnejn kontra.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)

2.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 13.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li għall-ħarġa li saret fis-16 ta' Frar 2017 għall-wirja permanent Explora f'Bigħi fil-Kalkara, attendew 53 persuna. Hija pproponiet li l-ħarġa li jmiss tkun għas-Salib tal-Għolja fil-limiti tas-Siġġiewi, fis-16 ta' Marzu 2017.

2.5.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

- *Purchase Request Form* – 13/02/17;
- Skeda ta' Pagamenti – 28/01/17 – 13/02/17;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet; u
- Estimi Finanzjarji 2017; u
- Pjan ta' Ħidma 2017-2019.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Ipparkjar fi Triq Snajjin (T/3/2/Vol XII)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 8 ta' Frar 2017 mibgħut mis-Sur David Fenech fejn talab li jitneħħew il-linji sofor doppji li jinsabu fuq ix-xellug ta' Triq Snajjin, fejn qabel kien hemm ħajt ma' qatgħa mhux mibnija.

4.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-ħajt imsemmi ma kienx fattur determinanti biex ittieħdet deċiżjoni dwar il-projbizzjoni tal-ipparkjar fi Triq Snajjin, minn Triq il-Ħasira l'isfel. Ir-raġuni ewlenija kienet l-inkonvenjenzi kkawżati bil-lejl minn sidien ta' vetturi li jiffrekwentaw stabbilimenti li hemm fil-qrib billi kienu jipparkjaw faċċata ta' garaxxijiet.

### 4.2.1. Konferenza "*Clean Coins*" (P/10/26)

4.2.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għal stedina li saret mill-Comune di Casalborgone sabiex delegazzjoni mill-Mellieħa tieħu sehem fil-konferenza bit-tema *"Clean Coins – Fostering legality paths for a better future of Europe*" li ser tkun iffinanzjata taħt il-programme *Europe for Citizens* tal-Unjoni Ewropea. Il-konferenza ser isseħħ fl-istess lokalità bejn it-18 u s-27 ta' Marzu 2017. L-imsieħba fl-istess proġett possibilment ser ikunu Cugir (Rumanija); Vecpielbalga (Latvja); Amata (Latvja); Kanjiza (Serbja); Brusasco (Italja); u Lauriano (Italja).

4.2.3. Kompla jispjega li d-delegazzjoni mill-Mellieħa trid tkun komposta minn tnax-il persuna żgħażugħa, flimkien ma' tliet rappreżentanti mill-Kunsill. L-akkomodazzjoni u t-trasport ser jipprovdihom l-imsieħeb ewlieni, filwaqt li l-biljetti tal-ajru jiswew €265, jridu jagħmlu tajjeb għalihom il-parteċipanti.

4.2.4. Il-Kunsill iddeċieda li jissussidja €100 mill-ispiża ta' kull parteċipant u jagħmel tajjeb għall-ispiża kollha fil-każ taż-żewġ Kunsillieri u l-uffiċjal, skont il-prassi stabbilita. Minkejja li Kunsill m'għandux fondi biżżejjed ivvutati għal dan il-għan fl-Estimi 2017, approva n-nefqa xorta waħda billi jeżistu prospetti tajbin li 85% minn nefqa ta' €1,995 tista' tiġi rkuprata minn Fond tal-Kofinanzjament amministrat mill-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali.

4.2.5. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb f'dan il-proġett u jkun rappreżentat mill-Viċi Sindku C. Bartolo, il-Kunsillier J. Gauci u l-uffiċjal Doriette Fenech Gambin.

### 4.3.1. *Allowance* tal-Kunsillieri (K/1/9)

4.3.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għaċ-ċirkulari 6/2017 maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fis-6 ta' Frar 2017, dwar is-suġġett t'hawn fuq. Huwa qal li b'sodisfazzjoni jinnota li wara konsultazzjoni li kien hemm mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali, ġie ċċarat li jekk Kunsillier ma jattendix għal raġunijiet ta' safar, mard jew xi raġuni oħra. Dan sakemm jiġi ppruvat bid-dokumentazzjoni meħtieġa, li n-notifika tkun saret bil-kitba lis-Segretarju Eżekuttiv, u tkun ġiet ikkonsidrata bħala raġuni valida mill-Kunsill. Nuqqas ta' attendenza li jissodisfa dawn ir-rekwiżiti ma għandux jaffettwa l-ħlas tal-*allowance* dovut.

4.3.3. Il-Kunsill innota l-kummenti li saru fil-minuta preċedenti.

## 5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 13 ta' Frar 2017.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-28 ta' Jannar u t-13 ta' Frar 2017.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fl-iskeda.

6.4. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo li tgħid:

***"Billi l-Istqarrijiet Finanzjarji għas-Sena 2016 ġew spjegati fid-dettal waqt seduta tal-Kunsill u ma kienx hemm punti li baqa' lok ta' aktar diskussjoni dwarhom, kif ukoll wara li Kunsill kien konvint li r-rapport imressaq jirrifletti l-andament tal-operat tiegħu matul is-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li japprova r-Rapport Finanzjarju u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawh u jgħadduh lill-Uditur Ġenerali, skont il-Proċeduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).". (F/1/2/Vol VIII)***

7.2. Attenda għal din il-parti tas-seduta l-*accountant* is-Sur Daniel Galea sabiex jispjega l-*financial statements* imsemmija, li kopja tagħhom ġiet imqassma lill-kunsillieri qabel is-seduta. Ġie spjegat li s-sena finanzjarja 2016 spiċċat b'bilanċ pożittiv ta' €32,188. Huwa aċċenna għall-fatt li fis-sena ta' qabel ġie reġistrat defiċit għal dik is-sena ta' €26,828. Dan minkejja li d-dħul fl-2016 naqas b'0.65% minn €1,294,373 għal €1,440,,827. Min-naħa l-oħra kien hemm inqas infiq rikorrenti ta' 4.65%, minn €1,522,940 fl-2015 għal €1,452,155 fl-2016. Fattur li ħalla impatt sinifikanti kien il-fatt illi kien hemm inqas assi permanenti li ġew kapitalizzati mis-sena ta' qabel. Id-diprezzament fuqhom ammonta għal €601,985, li kien inqas minn dak tal-2015 li laħaq €719,764.

7.3. Is-Sur D. Galea kompla jispjega li d-dħul mill-Gvern Ċentrali ammonta għal €1,413,522 u kien imqassam hekk:

| | |
|---|---|
| Allokazzjoni Annwali | €1,074,638 |
| Allokazzjoni Supplimentari | €52,711 |
| Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea | €910 |
| Dħul Ieħor mill-Gvern | €20,788 |
| Rilaxx tal-Għotjiet | €264,475 |

7.4. L-Allokazzjoni Supplimentari tirrappreżenta l-ammont akkumulat dovut lill-Wasteserv Malta Ltd, liema somma tħallset direttament mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. L-ammont ta' Għotjiet Rilaxxjati kienu jinvolvu l-proġetti kapitali li ġew iffinanzjati in parti, jew kollha minn għotjiet li rċieva l-Kunsill matul l-2016 u fi snin preċedenti. Eżempji ta' dawn huma l-*Public Private Partnership*, l-Fond għat-Titjib Urban (UIF) u l-fondi tal-Unjoni Ewropeja.

7.5. Kien hemm dħul ta' €4,659 li kien ġej minn *bye-laws, relatat ma' attivitajiet fil-beraħ, korsijiet u permessi għat-tqegħid ta' skips.*

7.6. Kien hemm dħul ieħor mis-Sistema tal-Infurzar Lokali ta' €10,003, wara li f'Settembru 2011 ġiet xolta s-sistema mħaddma mill-Kumitat Konġunt Tramuntana u daħlet fis-seħħ dik imħaddma mill-Kumitat Reġjonali.

7.7. Ġie spjegat li kien hemm dħul ta' natura ġenerali, li ammonta għal €54,752, li huwa marbut mal-iskemi li jniedi d-Dipartiment għall-Gvern Lokali, li jinkludu fost oħrajn l-Iskema dwar l-Attivitajiet Kulturali, l-Iskema tal-Libreriji, l-Iskema Tagħlim Tul-il Ħajja, minn *sponsorships* li rċieva l-Kunsill, bejgħ ta' kotba, kirjiet, ħruġ ta' permessi eċċ.

7.8. In-nefqa kapitali għas-sena 2015 kienet tammonta għal €403,375, li €107,416 minnhom kienu ġejjin minn għotjiet mogħtija mill-Gvern Ċentrali, jew entitajiet pubbliċi.

7.9. Is-Sur D. Galea spjega li sa Diċembru 2015, il-Kunsill kien akkumula investiment ta' €5,269,389 f'assi permanenti, wara li nqata' id-diprezzament fuqhom. Kien hemm ukoll €606,991 x'jitħallsu lill-kredituri tal-Kunsill. Sar aċċenn li fl-aħħar tas-sena, il-Kunsill kellu bilanċ biżżejjed fil-banek

biex jagħmel tajjeb għal dan id-dejn, peress li l-flus f'kontijiet bankarji kienu jammonta għal €779,003. Huwa aċċenna wkoll li kien hemm żieda ta' €151,608 mill-flus miżmuma fil-kontijiet bankarji tal-Kunsill, wara li fis-sena preċedenti kien hemm tnaqqis ta' €57,697. L-indikatur finanzjarju għalaq fil-livell ta' 25.67%.

7.10. Is-Segretarju fakkar li l-kont relatat mal-proġett ta' tisbiħ li twettaq fi Triq San Publiju kien għadu ma ġiex mgħoddi mill-kuntrattur konċernat għaliex ix-xogħol għad irid jitkejjel..

7.11. Is-Seġretarju ġibed l-attenzjoni billi qal li, apparti li l-Indikatur Finanzjarju huwa f'livell sodisfaċenti, twaqqfet it-tendenza li bdiet fl-2013, fejn il-bilanċ ta' flus disponibbli fil-kontijiet tal-bank kien nieżel minn sena għal'oħra.

7.12. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li kienet issekondata mill-Kunsillier P. Cutajar.

## 8.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:-

***"Billi skont il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skont it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandhom jiġu ppreżentati l-Estimi u l-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill sa l-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u***

***U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduti Nri. 67, 68 u 69 tal-21 ta' Novembru 2016, 14 ta' Diċembru 2016, u 10 ta' Jannar 2017, rispettivament, kif ukoll saru żewġ laqgħat għar-residenti fil-Mellieħa u l-Manikata, skont ma jitlob l-imsemmi Att fis-17 u d-19 ta' Jannar 2017;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2017 u l-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2017/2019, skont l-abbozz finali mressaq.".*** **(F/1/27)**

8.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Gauci.

## 9.1. Finanzjament taħt il-Mizuri 4.3. u 4.4. tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (P/10/27)

9.2. Is-Sindku għarraf li fis-6 ta' Frar 2017 huwa attenda sessjoni ta' informazzjoni li ġiet organizzata mill-Funds and Programmes Division bil-kollaborazzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, dwar is-sorsi ta' finanzjament taħt il-miżura 4.3. Ir-rata ta' kofinanzjament hija ta' 90%, filwaqt li l-V.A.T. hija eliġibbli biss fil-każ ta' entitajiet li ma jirkuprawiex lura. Ix-xogħol irid jitwettaq sa nofs Ġunju 2018. Mill-preżentazzjoni sar magħruf ukoll li fost ir-rekwiżiti, jeħtieġ li jsir *bill of quantities* u stima, jiġi stabbilit kemm jeżisti raba jinħadem biswit it-toroq li jiġu jdentifikati, kif ukoll in-numru ta' bdiewa affettwati. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li ssir applikazzjoni fuq Triq l-Armier iż-Żgħir u Triq ir-Ramla tat-Torri l-Abjad.

9.3. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li f'dan l-istadju ssir talba waħda fir-rigward ta' Triq l-Armier iż-Żgħir u sussegwentement issir oħra għal Triq ir-Ramla tat-Torri l-Abjad, kemm-il darba l-fondi ma jkunux ġew eżawriti.

9.4. Fir-rigward tas-sejħa li saret taħt il-Miżura 4.4, is-Sindku għarraf li qed jitħejja *bill of quantities* li jkopri l-bini mill-ġdid tal-ħajt tas-sejjieħ fit-Telgħa ta' Selmun, filwaqt li nkiseb l-appoġġ ta' Transport Malta għal din l-iniżjattiva.

| Miżura | Għeluq tal-Sejħa | Għeluq tat-Tieni Sejħa | Baġit Allokat |
|---|---|---|---|
| 4.4 | 28.02.2017 | 30.04.2017 | €12,000,000 |
| 4.3 | 14.04.2017 | - | €10,000,000 |

9.5. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 10.1. Ftehim ta' Koperazzjoni Reġjonali dwar Installazzjoni u Manutenzjoni ta' Dwal fit-Toroq (E/1/2)

10.2. Is-Segretarju għarraf li skont id-deċiżjoni meħuda fis-seduta preċendenti huwa kiteb lill-Kumitat Reġjonali Tramuntana sabiex tintalab kjarifika bil-għan illi jiġi speċifikat is-sors ta' finanzjament li ser jagħmel tajjeb għall-ħlas tal-*Contract Management*. Dan billi r-Regolamenti dwar il-Kumitati Reġjonali (L.S.363.160), ir-Reġjun jirċievi fondi mill-Gvern Ċentrali biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu u jamministra d-dħul mis-sistema ta' l-infurzar lokali, li finalment jappartjenu lill-Kunsill Lokali msieħba. Is-Sur C. Debono qal li permezz ta' imejl datat 6 ta' Frar 2017, il-President tar-Reġjun Tramuntana wieġeb li:

- Ir-regolamenti ser jinbidlu fis-sens li l-Kumitat Reġjonal mhux ser ikun jiddependi aktar mis-Sistema tal-Infurzar Lokali;
- Id-dħul mis-Sistema tal-Infurzar Lokali qed imur kollu għand il-LESA u mhux aktar għand ir-Reġjuni, kif attwalment qed tgħid il-liġi;
- It-tibdil imsemmi tħabbar mill-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokoli – L-Onor. Owen Bonnici – waqt laqgħa li saret fl-uffiċċju tiegħu fil-preżenza ta' delegazzjoni mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali;
- Ir-Reġjun ser jiġi allokat baġit mill-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali li parti minnu ser tagħmel tajjeb għall-*Contract Management Fee*; u
- Il-Kumitat Reġjonali huwa inpenjat u kommess li jara s-sistema taħdem.

10.3. Is-Segretarju għarraf ukoll li, permezz ta' imejl ieħor datat 15 ta' Frar 2017, il-Kumitat Reġjonali għarraf li l-abbozz tal-Ftehim ta' Koperazzjoni ġie emendat, fis-sens li l-ħlas għall-liċenzja tas-sistema onlajn, li permezz tagħha jinżamm rendikont tax-xogħol ordnat, tqassam skont in-numru tal-lampi li attwalment jeżistu fil-lokalitajiet rispettivi, hekk li l-ispiża totali ta' €10,620 (VAT inkluża) tqassmet kif ġej:

| **Lokalità** | **Numru ta' Lampi** | **Ħlas Dovut (€)** |
|---|---|---|
| Għargħur | 172 | 300 |
| Mdina | 200 | 350 |
| Mtarfa | 258 | 400 |
| Mġarr | 283 | 450 |
| Pembroke | 433 | 700 |
| Dingli | 441 | 700 |
| Naxxar | 573 | 900 |
| Swieqi | 689 | 1,000 |
| San Pawl il-Baħar | 813 | 1,100 |
| Mosta | 930 | 1,300 |
| Mellieħa | 992 | 1,450 |
| Rabat | 1,414 | 1,970 |

10.4. Is-Segretarju kkummenta li bil-ftehim preċedenti, l-ispiża marbuta mas-servizz tal-*Contract Managerment* u s-sistema onlajn kienet ta' €242.28 fix-xahar, li jammontaw €2,907.36 fis-sena. Is-Sur C. Debono ġibed l-attenzjoni wkoll li f'dan l-istadju jeħtieġ li tiġi stabbilita d-data meta ser jitwaqqfu l-ħlasijiet taħt il-ftehim preċedenti, billi l-kuntrattur baqa' għaddej bil-kontijiet sa' Awwissu 2016, minkejja li l-kuntratt il-ġdid li sar mar-Reġjun daħal fis-seħħ b'effett mill-15 ta' Mejju 2016.

10.5. Fid-dawl tal-kjarifiki mogħtija, kif ukoll it-tqassim tal-ħlasijiet għaż-żamma tas-sistema komputerizzata, approva l-ftehim u għaldaqstant awtorizza l-iffirmar tiegħu mis-Sindku u l-Segretarju Eżekuttiv.

## 11.1. Disinjar taċ-Ċentru ta' Interpretazzjoni dwar it-Tunnara fil-Batterija ta' Westreme (P/4/4/Vol IV)

11.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li d-disinjar li kellu jsir minn Creatit Studio tlesta u l-pjanti ġew mgħoddija lill-Perit Joseph Attard u lil Galea Curmi Engineering Consultants sabiex jitħejjew il-

*bill of quantities* min-naħa tagħhom. Huwa qal ukoll li ġew stabbiliti *deadlines* sabiex dawn jikkonkludu l-inkarigu fdat lilhom bil-għan li l-applikazzjoni tkun tista' titressaq fil-ħin.

11.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed.

**12.1. *Policy* dwar attivitajiet kbar fil-bajjiet (A/6/3/2/Vol 65)**

12.2. Il-Sindku aċċenna għall-applikazzjonijiet li jsiru minn sena għal'oħra minn G. & T. Ltd għall-*beach party* li jiġi organizzat kull sena fl-Armier iż-Żgħir, kif ukoll għat-talba li saret għall-ewwel darba biex isiru serje ta' attivitajiet simili minn Glam Live Events. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li dan is-suġġett ser jiġi diskuss mas-Supretendent tal-Pulizija tad-Distrett, waqt laqgħa skedata għall-21 ta' Frar 2017.

12.3. Wara diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li:

- *Beach parties* m'għandhomx jsiru bejn Ġunju u Settembru;
- Kwalunkwe permess li jista' jinħareġ ikun jinkludi attività waħda; u
- Tintalab garanzija bankarja biex jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet kollha fil-permess jiġu onorati.

12.4. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru laqgħat separati maż-żewġ organizzaturi.

**13.1. Restawr tal-Kmamar tas-Santwarju (R/2/Vol II)**

13.2. Is-Sindku għarraf li fis-6 ta' Frar 2017 huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kellhom laqgħa mal-Arċipriet J. Caruana, is-Segretarju tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali s-Sur S. Fenech u l-kuntrattur inkarigat mill-KPP biex iwettaq il-proġett imsemmi. Fl-istess laqgħa l-Kunsill intalab jeżenta lill-Parroċċa milli tħallas għall-ispejjeż tal-permess għat-tqegħid tal-i*scaffolding* illi ser ikun meħtieġ għall-diversi xhur. Dan ser ikun meħtieġ kemm biex tintrifed il-binja, kif ukoll biex isir ix-xogħol minn fuqu. Flimkien ma' dan, il-Kunsill Lokali ntalab sabiex isiru linji sofor doppji temporanji fuq in-naħa tal-wied, sakemm ikun hemm l-imsemmi armar fuq il-post.

13.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fis-6 ta'Frar 2017, permezz ta' ittra ndirizzata lill-Awtorità tal-Ippjanar, il-KPP ressaq stima ta' €290,000 bil-għan li japplikaw għall-finanzjament tal-proġett permezz tal-Fond tal-Ippjanar.

13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti fil-minuta 13.3.

**14.1. Pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni (P/4/29)**

14.2. Is-Sindku ppropona li għandha ssir applikazzjoni mal-Awtorità tal-ippjanar sabiex il-proġett imsemmi jiġi ffinanzjat taħt il-Fond tal-Ippjanar amministrat mill-istess awtorità.

14.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa fid-dawl tal-fatt li riċentement daħlu fis-seħħ regolamenti ġodda dwar istituzzjonijiet li jistgħu jibbenefikaw minn dan il-fond.

**15.1. Ftuħ taċ-Ċimiterji (C/7)**

15.2. Is-Sindku aċċenna għall-fatt li l-persuna assenjata mal-Kunsill mill-IPSL, illi kienet tieħu ħsieb tiftaħ u tagħlaq iċ-ċimiterju Sultana ta' Vittorji, ser jirtira. Għaldaqstant ser ikun meħtieġ li jkun hemm xi ħaddieħor li jingħata dan l-inkarigu. Is-Sur J. Buttigieg ippropona wkoll li l-istess persuna tkun inkarigata miċ-ċimiterju Omm il-Ħniena, li huwa nkarigat minnu d-Dipartiment tal-Saħħa Ambjentali, iżda mhux jinfetaħ b'mod regolari, billi jkun hemm nies li jkollhom jirrikorru fl-uffiċċju tal-Kunsill biex jingħataw iċ-ċwievet.

15.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa fil-minuta 15.2 u qabel li l-ħinijiet għandhom ikunu kif ġej:

| Xhur | Ftuħ | Għeluq |
|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| Bejn Ottubru u Marzu | 8.00 am | 5.00 pm |
| Bejn April u Settembru | 8.00 am | 7.00 pm |

15.4. Kien hemm qbil ukoll li dan l-inkarigu jingħata lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill mid-District Operations Ltd u jiġi kkompensat bħala ħmistax-il siegħa sahra fix-xahar.

**16.1. PA 5351/16 – Żvilupp ta‘ sit bejn Misraħ il-Parroċċa u Triq il-Kappillan Magri (P/5/8/P)**

16.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-applikazzjoni msemmija u qal li din tista‘ taffetwa x-xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija devoluti lill-Kunsill, li jinsabu proprju taħtha.

16.3. Is-Segretarju wieġeb li fil-fatt saru rappreżentazzjonijiet mal-Awtorità tal-ippjanar fid-9 ta‘ Settembru 2016 u fit-13 ta‘ Frar 2017, fejn inġibdet l-attenzjoni għall-preżenza tax-xelter imsemmi, kif ukoll li s-Sovrintendenza għall-Wirt Kulturali ma tidhirx li hija konxja tiegħu, minkejja li fir-rapport tal-*Case Officer*, ingħad li s-Sovrintendenza ma kellhiex oġġezzjoni.

16.4. Is-Sindku qal li l-applikazzjoni kienet fuq l-aġenda tal-Bord għall-24 ta’ Frar 2017 u kien beħsiebu jattendi.

16.5. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-10.15pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 9 ta’ Marzu 2017 fis-6.00 pm.





Joħn Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**